## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JEREMY GATT COLEIRO (KI. 472986M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**04/06/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Lill- Jeremy Gatt Coleiro Bin Raymond u Susan nee Coleiro . Imwieled.18/10/1986.Pieta.
ID. 472986M Toqghod; 5 `Fairbanks` Triq Il-Ktajjen, Swieqi

**BILLI inti akkuzat talli** fil-25/10/2022 ghall habta ta' 14.55hrs fi Triq Is-Swieqi, San Giljan.

(1). Soqt vettura Nru.HBC-125 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda) (sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

(2). Soqt vettura Nru. HBC-125 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(sec.3(1) Chap.104)

Rat li l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u li kkonferma l-ammissjoni wara li l-Qorti tatu ċans jerġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Fid-dawl tal-ammissjoni inkundizzjonata rreġistrata mill-imputat u wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti issibu**

**ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400) liema multa, fuq talba tal-imputat, tista' titħallas f'erbgħa u għoxrin (24) pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**